

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Milano (l-Italja) fit-28 ta' Mejju 2018 – Avv. Alessandro Salvoni vs Anna Maria Fiermonte

(Kawża C-347/18)

(2018/C 285/42)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale di Milano

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Avv. Alessandro Salvoni

Konvenuta: Anna Maria Fiermonte

Domanda preliminari

L-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012⁽¹⁾ u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-qorti tal-oriġini adita, fir-rigward ta' deċiżjoni definittiva, bit-talba għall-ħruġ taċ-ċertifikat previst mill-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012, tista' teżerċita setgħat *ex officio* intiżi sabiex jiġi kkonstatat jekk id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu II tar-Regolament Brussell I bis ġeww miksur, bil-għan li tinforma lill-konsumatur bil-ksur eventwalment ikkonstatat u tippermettilu jevalwa b'għarfien sħiħ tal-fatti l-possibbiltà li juża r-rimedju ġudizzjarju previst fl-Artikolu 45 tal-istess regolament?

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonnoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia de Reus (Spanja) fit-30 ta' Mejju 2018 – Jaime Cardus Suárez vs Catalunya Caixa S.A.

(Kawża C-352/18)

(2018/C 285/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia de Reus

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Jaime Cardus Suárez

Konvenuta: Catalunya Caixa S.A.

Domandi preliminari

- 1) 1.1 L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13⁽¹⁾ għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali li tinkludi indiċi uffiċjali, l-IRPH, irregolat minn dispożizzjoni legali, ma hijiex suġġetta għad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, anki meta dan l-indiċi ma jkunx applikabbli b'mod obligatorju indipendentement mill-għażla tiegħu [mill-partijiet], u ma jkunx ta' natura supplimentari f'każ ta' nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet?
- 1.2 L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li klawżola kuntrattwali li tinkludi indiċi uffiċjali, l-IRPH, anki jekk dan huwa rregolat minn dispożizzjoni legali, hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, meta din il-klawżola kuntrattwali tbiddel it-termini tad-dispożizzjoni amministrattiva li tiddefinixxi l-indiċi IRPH, fir-rigward tal-marġni negattiv li għandu jiġi applikat meta dan l-indiċi jintuża bħala rata kuntrattwali bil-għan li r-RPA tat-tranżazzjoni ipotekarja tiġi allinjata ma' dik tas-suq, fatt li jippermetti li jiġi preżunt li kien hemm tibdil fil-bilanċ kuntrattwali stabbilit mil-leġiżlatur nazzjonali?